MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 1236/1991/1

**Mary Vella u Maria Scicluna**

***Versus***

**Katerina mart Clement Boyd u l-istess Clement Boyd bħala kap tal-komunjoni ta’ l-akkwisti ta’ bejnu u bejn martu**

F’din il-kawża l-atturi qegħdin jitolbu l-ħlas ta’ danni minħabba inadempiment kuntrattwali.
B’nota tat-3 ta’ Ġunju 2004 l-attriċi Maria Scicluna ċediet it-talbiet tagħha.
Dakinhar ukoll il-partijiet li baqgħu fil-kawża qablu illi l-konvenuti jħallsu d-danni li għandhom jiġu likwidati fis-somma ta’ elfejn u ħames mitt lira (Lm2,500), b’dan illi l-ispejjeż tal-kawża jibqgħu bla taxxa.
Il-qorti għalhekk, wara li rat il-ftehim bejn il-partijiet, tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attriċi Mary Vella s-somma ta’ elfejn u ħames mitt lira (Lm2,500).

L-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------